**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 577/2023 MS*

**Ekaterina Gladvoka, u b'dikriet mogħti fit-18 ta' Diċembru 2023, isem ir-rikorrenti ġie jaqra Ekaterina Evgenyevna Gladkova Lewis**

**Vs.**

1. **Direttur Ġenerali tal-Qorti;**
2. **Direttur Qrati Kriminali;**
3. **l-Avukat Ġenerali,**

**u b'digriet tal-1 ta' Diċembru 2023, ġie kjamat fil-kawża l-Avukat tal-Istat**

Illum, 12 ta' Jannar, 2024

Kawża Numru: 3K

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors introdott mir-rikorrenti fl-20 ta' Novembru, 2023, flimkien mad-dokumenti annessi miegħu, li bih wara li ppremettiet kif ġej:

Illi hija *parte civile* fil-proċeduri kriminali kontra Sahin Turkdogan, liema proċeduri qegħdin jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ppreseduta mill-Onorevoli Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace.

Illi dawk il-proċeduri qegħdin isiru bil-lingwa Ingliża.

Illi fis-smiegħ tat-28 ta' Settembru 2023, deher bħala xhud tal-prosekuzzjoni ċertu Michele Siciliano Michele.

Illi kif eżatt il-legali tal-esponenti kien ser jibda l-eżami tiegħu bid-domanda "*Can you tell us what happened on the 24th of June…*", dik l-Onorabbli Qorti waqqfet ix-xhieda, ordnat lix-xhud jinżel minn fuq il-pedana tax-xhieda u ordnat illi dan ix-xhud m'għandux jinstema'. Dak il-ħin, dik l-Onorabbli Qorti ma ndikatx il-bażi legali li fuqha kienet imsejsa dik id-deċiżjoni. Madanakollu deher li dik l-Onorabbli Qorti ikkunsidrat dik it-tip ta' domanda bħala waħda inammissibbli. Il-verbal tas-seduta qiegħed hawn allegat bħala Dok "A'.

Illi r-rikorrenti ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni u permezz ta' rikors intavolat quddiem l-istess Qorti fit-3 t'Ottubru 2023 talbet lil dik l-Onorabbli Qorti tirrevoka dak id-digriet *contrario imperio* u dan għaliex tali digriet ma għandu ebda bażi fil-liġi, japplika l-liġi, senjatament l-Artikolu 578 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta b'mod żbaljat u jilledi dritt fundamentali tar-rikorrenti għall-smiegħ xieraq. Kopja tar-rikors qiegħda hawn allegata bħala Dok "B".

Illi iżda permezz ta' digriet li ngħata l-għada, 4 t' Ottubru, saħansitra qabel ma ddaħlet risposta mid-difiża tal-akkużat, dik l-Onorabbli Qorti għoġobha tiċħad din it-talba u ma tat ebda raġuni għal dan. Kopja tad-digriet qiegħda hawn allegata bħala Dok "Ċ"

Illi l-esponenti tħossha aggravata minn dan id-digriet u dan għal numru ta' raġunijiet.

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti tissottometti bir-rispett illi żbaljat l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali meta fis-seduta tat-28th of September 2023 din issospendiet ix-xhieda tax-xhud Michele Siciliano Michele u waqqfet l-istess milli jkompli jew jerġa jixhed, qabel ma semgħet id-domanda sħiħa u mingħajr ma rradikat jew immotivat id-deċiżjoni tagħha abbażi ta' xi artikolu jew

ieħor tal-liġi. Jew imqar abbażi ta' xi sentenza li għaddiet f'ġudikat.

Illi dwar dan, l-esponenti tissottometti bir-rispett illi kif diġa spjegat fir-rikors tagħha tat-3 t'Ottubru 2023, filwaqt li huwa minnu li l-artikolu 578 tal-Kodiċi ta Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jippermettix li waqt eżami ta' xhud, lil dan isirulu mistoqsijiet diretti jew suġġestivi, l-esponenti tissottometti bir-rispett illi bl-ebda tiġbid t'immaġinazzjoni ma jista' raġjonevolment jingħad illi d-domanda li tibda "*Can you tell us what happened on the 24th of June…*" hija b'xi mod diretta jew suġġestiva. Anzi hija mistoqsija miftuħa u spassjonata li tistieden lix-xhud jiftakar dak *kollu* li ġara matul dik il-ġurnata, kemm dak li jista jkun favur l-akkużat, kemm dak li jista jippreġudikah, u saħansitra wkoll dak li jista' jkun irrelevanti.

Illi dwar dan ukoll, l-esponenti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) tal-21 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Joseph Grech et. vs Nazzareno Grech,** fejn ġie mgħallem illi *"Filwaqt li din il-Qorti tħaddan l-istess prinċipji, jingħad ukoll li, il-fatt li l-Qorti tagħmel <u>mistoqsijiet diretti lejn xhud, ma jfissirx li dan isir bil-għan li jixxaqleb il-bilanċ proċesswali,</u> jew il-fatt li twissi lix-xhud (f'dan il-każ il-konvenut) li meta jkun ħa l-ġurament ikun obbligat li jgħid il-verità u fin-nuqqas, li jkunu jistgħu jittieħdu passi kontrih, li b'daqshekk jista' jingħad li l-Qorti ma mxietx b'mod ġust jew li tefgħet lill-konvenut appellant fi żvantaġġ kbir."*.

Illi allura, l-esponenti tissottometti bir-rispett illi sabiex domanda tkun meqjusa diretta jew suġġestiva fit-tifsira tal-Artikolu 578 tal-Kap 12, jeħtieġ li dik id-domanda tkun propensa li jew tidderieġi (diretta) xhud lejn tweġiba li tippreġudika lill-akkużat jew li tissuġġerixxi (suġġestiva) l-istess tip ta' tweġiba. Illi fiż-żewġ każijiet jeħtieġ li d-domanda tkun waħda li *tgħaddi* informazzjoni lix-xhud jew billi iżżid mal-informazzjoni li diġa għandu x-xhud jew billi tikkonferma jew billi tiċħad xi informazzjoni relevanti li diġa għandu l-istess, li għandha xi rilevanza mal-każ. U dik l-informazzjoni li tgħaddi lix-xhud permezz ta' dik id-domanda jeħtieġ li tkun propensa li xxaqilbu lejn tweġiba li tippreġudika lill-akkużat. Iżda huwa pależ li d-domanda "*Can you tell us what happened on the 24th of June…*" ma tagħmel xejn minn dan.

Illi f'dik il-ġurnata partikolari, probabilment, ġraw ħafna affarijiet lil dak ix-xhud partikolari, bħalma jiġri lill-kulħadd. U d-domanda li tistieden lix-xhud jirrakkonta dak

kollu li ġara dak inhar bl-ebda mod ma tidderiġi jew tissuġġerixxi tweġiba, jew tip ta' tweġibiet, li jippreġudikaw lill-akkużat.

Illi l-esponenti hi konsapevoli tal-fatt illi kif inhu magħruf sew, sabiex tinstab ħtija kriminali, jeħtieġ tiġi ppruvata il-konkorrenza tal-*actus reus* u tal-*mens rea* f'lok u f'ħin partikolari. Għaldaqstant jista' jsir l-argument illi mistoqsija li tirreferi għal ġurnata partikolari tissuġġerixxi lix-xhud wieħed mill-elementi meħtieġa sabiex tinstab ħtija kriminali. Iżda dan hu argument fallaċi għaliex sabiex tinstab ħtija kriminali mhux li dik il-ġurnata partikolari *ġrat* li hu meħtieġ li jiġi ppruvat. Il-ġranet kollha *ġraw.* Li hu meħtieġ li jiġi ppruvat hu li matul ġurnata partikolari ġraw *okkorrenzi* li jirriżultaw fi ħtija kriminali. U sabiex domanda titqies bħala diretta jew suġġestiva fit-tifsira tal-artikolu 578 tal-Kap 12, jeħtieġ li din tidderieġi jew tissuġġerixxi mhux il-*ġrajja* tal-ġurnata, iżda xi *okkorrenzi* partikolari matulha li jistgħu jkunu ta' preġudizzju għall-akkużat.

Illi għaldaqstant, bl-ebda mod ma jista raġjonevolment jingħad illi d-domanda "*Can you tell us what happened on the 24th of June...*" hija domanda diretta jew suġġestiva fit-tifsira ta' dan l-artikolu u għalhekk żbaljat l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li waqqfet id-depożizzjoni ta' dan ix-xhud minħabba din id-domanda u li ordnat lill-istess li ma jixhidx f'din il-kawża.

Illi anke *dato sed non concesso,* li din id-domanda hija waħda projbita bis-saħħa tal-Artikolu 578 tal-Kap 12 l-effett tagħha fuq il-proċeduri de quo huwa oġġettivament *de minimis* u dik l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u għaldaqstant, kien ikun iktar proporzjonali u xieraq li kieku dik l-Onorabbli Qorti waqfet biss it-tweġiba għal dik id-domanda, u ordnat il-prosegwiment tas-smiegħ tax-xhud.

Illi iżda, l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali m'għamlitx hekk u minflok applikat formaliżmu eċċessiv u ħadet id-deċiżjoni dommatika, sproporzjonata u fi kwalunkwe każ żbaljata fid-dritt u fil-fatt, li twaqqaf dan ix-xhud importanti milli jkompli jixhed f'dik is-seduta u milli jixhed fil-kumplment dawn il-proċeduri. U dana mingħajr ebda bażi legali.

Illi dan qiegħed isarraf fi ksur tad-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja u smiegħ xieraq tal-esponenti liema dritt hu sanċit lilha permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u

permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

għaddiet biex titlob lil din il-qorti jogħġobha:

i) Tiddikjara illi d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħti fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2023 fil-proċeduri fl-ismijiet Pulizija vs Sahin Turkdogan, illi permezz tiegħu ġiet imwaqqfa id-depożizzjoni tax-xhud tal-prosekuzzjoni Michele Siciliano Michele u li permezz tiegħu dan ix-xhud ġie prekluż milli jkompli jixhed, jilledi d-dritt ta' smiegħ xieraq u aċċess għall-ġustizzja tal-esponenti qua *parte ċivile* sanċit lilha permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

ii) Tiddikjara illi d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħti *in camera* fit-3 t'Ottubru 2023 fil-proċeduri fl-ismijiet Pulizija vs Sahin Turkdogan, illi permezz tiegħu ġie miċħud rikors sabiex id-digriet mogħti fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2023 jiġi revokat contrario imperio, jilledi d-dritt ta' smiegħ xieraq u aċċess għall-ġustizzja tal-esponenti qua *parte ċivile* sanċit lilha permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

iii) Tordna li x-xhud Michele Siciliano Michele għandu jkompli jixhed fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Sahin Turkdogan li preżentement qiegħed jinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

iv) Tagħti dawk ir-rimedji xierqa u opportuni kollha sabiex jiġi assigurat li d-dritt ta' smiegħ xieraq tal-esponenti ma jiġix miksur iktar fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Sahin Turkdogan li preżentement qiegħed jinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

2. Rat ir-risposta preżentata mill-Avukat Ġenerali fid-29 ta' Novembru 2023, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi l-esponent Avukat Generali tecepixxi illi m'hijiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrent u dan *stante*

illi hija m'hijiex parti fil-proceduri fl-ismijiet "***Il-Pulizija vs Samil Kartal Turkdogan et***" li qieghdin jinstemghu mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali gialadarba dawk il-proceduri qieghdin jitmexxew mill-Pulizija eżekuttiva (vide Dok 'A' anness mar-rikors promotur). Kwindi, dina l-Onorabbli Qorti ghanda tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-esponent;

Illi fi kwalsiasi kaz l-esponent tirrileva illi t-talbiet tar-rikorrent fil-konfront taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandom jiġu respinti

Illi fil-mertu, in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jibda biex jissottomettu li l-artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi. L-artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta jmur oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi.

Illi jezistu salvagwardji bizzejjed fid-dritt procedurali nostrali sabiex jovvjaw ghal kull periklu ta' intralc ta' smigh xieraq, liema salvagwardji jiggarantixxu process xieraq u smigh gust.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq imqanqla mill-parte civile, l-esponenti jissottometti illi dan jrid jigi ezaminat mill-ottika ta' x'*locus standi* ghandha *parte civile* li tallega ksur tad-dritt ta' smigh xieraq u fejn l-akkuzi kriminali jkunu diretti in konfront ta' terz. Ghandha *locus standi parte civile* li tiftah kawza kostituzzjonali dwar id-dritt ghal smiegh xieraq? Illi l-kwistjoni ta' jekk parti civili tistax tqajjem ilment ta' ksur ta' smigh xieraq, minhabba l-mod kif tmexxa process kriminali giet ezaminata diversi drabi kemm mill-organi gudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll minn dina l-Onorabbli Qorti. Illi kemm il-Qorti Ewropea u kemm dik nostrana stabbillew illi l-jedd ghal smigh xieraq jista' biss jigi mqanqal minn parti privata f'kuntest ta' proceduri kriminali mehuda kontra haddiehor, jekk dik il-parti civili turi li f'dawk il-proceduri kriminali hija ghandha jedd bil-ligi illi titlob li tigi mhallsa kumpens ghall-hsara li tkun garrbet bhala rizultat ta' xi ghemil kriminali mwettaq mill-akkuzat u kif ukoll li dawk il-proceduri kriminali huma determinanti biex hija tkun tista' tigbor dak il-kumpens. Illi wiehed ma jridx jinjora l-fatt li skont l-ordinament guridiku Malti azzjoni civili u dik kriminali huma distinti u separati li jfisser ukoll li sabiex parti f'kawza civili jkollha success

ma tiddependix fuq l-ezitu tal-azzjoni kriminali u fejn fiz-zewg tipi ta' azzjonijiet l-oneru tal-prova huwa ferm differenti fejn wiehed jista' jkollu success f'kawza civili, minkejja li fl-azzjoni kriminali ma jkollux success minhabba l-oneru ferm aktar rigoruz li huwa rikjest. Illi tenut kont tas-sistema partikolari applikabbli f'Malta u fuq l-iskorta tal-insenjament tad-decizjonijiet moghtija kemm minn dina l-Onorabbli Qorti kif ukoll mill-Qorti Ewropeja, fil-fehma tal-esponenti, r-rikorrenti bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma tista tinvoka ksur tad-dritt ta' smigh ta' smigh xieraq meta lanqas ghandha *locus standi* biex taghmel dan.

L-esponenti jissottometti li jekk wiehed jezamina l-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali jirrizulta li dan l-artikolu procedurali penali jaqa' taht it-titolu li jirregolaw il-procedura li ghandha tigi adoperata u mharsa mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif ukoll mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja. Illi wiehed ma jridx jinsa illi hija l-Prosekuzzjoni ghan-nom tal-Istat li tkun qieghda tmexxi l-prosekuzzjoni u dan peress li huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tara li persuna twiegeb ghall-eghmil taghha quddiem il-Qrati u fejn l-istess persuna tiddefendi ruhha mill-akkuzi migjuba kontra taghha. Illi ghalhekk il-partecipazzjoni tal-*parte civile,* li jahseb ghaliha l-Kodici Kriminali jzomm il-bilanc mehtieg bejn id-drittijiet kollha tal-persuni involuti.

Salv Eccezzjonijiet ulterjuri;

3. Rat ir-risposta tal-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati u tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, imressqa fit-30 ta' Novembru 2023, li permezz tagħha ġie espost dan li ġej:

Illi *in linea* preliminari jigi eccepit li l-eccipjenti assolutament m'humiex il-legittimi kontradditturi ghall-lanjanzi attrici u ghalhekk ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-lanjanzi attrici fejn qed jigi allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu m'humiex diretti ghal xi nuqqas jew agir minn naha tal-esponenti li hu responsabli biss mill-amministrazzjoni tal-Agenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati u ghalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

> Illi l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn gie ritenut:
>
> *'Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi – u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.*
>
> Illi in oltre ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Delia et vs Registratur tal-Qrati et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 1990, fejn dwar il-posizzjoni tar-Registratur u tad-Direttur tal-Qrati specifikatament intqal li r-Registratur tal-Qrati m'ghandux ir-rapprezentanza tal-Qrati u hu mhux persuna legittima biex joqghod f'kawza fejn jigi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent gew vjolati bi proceduri pendenti quddiem il-Qorti.
>
> Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat illi jidher li r-rikorrenti qed jattribwixxi l-ilmenti tieghu ghad-decizjoni imposta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li quddiemha qed tinstema` l-kawza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Samil Kartal Turkdogan u Sahin Turkdogan** u ghal dan l-ilment zgur li ma jistax iwiegeb jew jigi tenut responsabli l-esponenti li lanqas biss kien parti fil-proceduri.
>
> Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

4. Rat id-dikriet tagħha mogħti fl-udjenza tal-1 ta' Diċembru 2023, li bih ġie msejjaħ fil-kawża l-Avukat tal-Istat;

5. Rat li l-Avukat tal-Istat ikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti b'risposta preżentata fl-4 ta' Diċembru 2023, li permezz tagħha ssottometta kif ġej:

> Illi r-rikorrenti tilmenta illi bil-fatt illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-proceduri fl-ismijiet "***Il-Pulizija vs Sahin Turkdogan et***" waqqfet lill-Avukat tal-Parte Civile milli jkompli bl-ezami ta' Michele Siciliano Michele fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2023 u bil-fatt illi fid-digriet tal-4 ta' Ottubru 2023 l-istess Qorti cahdet

it-talba tal-*parte civile* tat-3 ta' Ottubru 2023 sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-28 ta' Settembru 2023 sabiex il-*parte civile* tithalla taghmel eżami tal-istess xhud, gew lezi d-dritt fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ghalhekk apparti dikjarazzjonijiet ta' din in-natura talbu lil dina l-Onorabbli Qorti tordna li l-imsemmi xhud ghandu jkompli jixhed fil-proceduri kriminali u/jew taghti rimedji xierqa u opportuni;
Illi l-eccezzjonijiet li gejjin qieghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin:
Illi l-esponent jecepixxi l-inapplikabilita' tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta *stante* illi fil-proceduri kriminali ***Il-Pulizija vs Sahin Turkdogan et*** li qieghdin jinstemghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali m'hijiex qieghda tiġi deċiża xi akkuża kriminali fil-konfront tar-rikorrenti jew obbligu ċivili tar-rikorrenti bhala *parte civile* f'dawk il-proceduri;[1]
Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq imqanqla mill-parte civile, l-esponent jecepixxi illi dan jrid jigi ezaminat mill-ottika ta' x'*locus standi* ghandha *parte civile* li tallega ksur tad-dritt ta' smigh xieraq u fejn l-akkuzi kriminali jkunu diretti in konfront ta' terz. Illi l-kwistjoni ta' jekk parti civili tistax tqajjem ilment ta' ksur ta' smigh xieraq, minhabba l-mod kif tmexxa process kriminali giet ezaminata diversi drabi kemm mill-organi gudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll minn dina l-Onorabbli Qorti. Illi kemm il-Qorti Ewropea u kemm dik nostrana stabbillew illi l-jedd ghal smigh xieraq jista' biss jigi mqanqal minn parti privata f'kuntest ta' proceduri kriminali mehuda kontra haddiehor, jekk dik il-parti civili turi li f'dawk il-proceduri kriminali hija ghandha jedd bil-ligi illi titlob li tigi mhallsa kumpens ghall-hsara li tkun garrbet bhala rizultat ta' xi ghemil kriminali mwettaq mill-akkuzat u kif ukoll li dawk il-proceduri kriminali huma determinanti biex hija tkun tista' tigbor dak il-kumpens. Illi wiehed ma jridx jinjora l-fatt li skont l-ordinament guridiku Malti, azzjoni civili u dik kriminali huma distinti u separati li jfisser ukoll li sabiex parti f'kawza civili jkollha success ma tiddependix fuq l-ezitu tal-azzjoni kriminali u fejn fiz-zewg tipi ta' azzjonijiet l-oneru tal-prova huwa ferm differenti fejn wiehed jista' jkollu success f'kawza civili, minkejja li fl-azzjoni kriminali ma jkollux success minhabba l-oneru ferm aktar rigoruz li huwa rikjest. Illi tenut kont tas-sistema partikolari applikabbli f'Malta u fuq l-iskorta tal-insenjament tad-

[1] Vide s-Sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Jason Genovese v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** deciza fit-12 ta' Frar 2016

decizjonijiet moghtija kemm minn dina l-Onorabbli Qorti kif ukoll mill-Qorti Ewropeja, fil-fehma tal-esponent, ir-rikorrenti bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma tista' tinvoka ksur tad-dritt ta' smigh ta' smigh xieraq meta lanqas ghandha *locus standi* biex taghmel dan;

L-esponent jissottometti li jekk wiehed jezamina l-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali jirrizulta li dan l-artikolu proceduralі penali jaqa' taht it-titolu li jirregola l-procedura li ghandha tigi adoperata u mharsa mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif ukoll mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja. Illi wiehed ma jridx jinsa illi hija l-Prosekuzzjoni ghan-nom tal-Istat li tkun qieghda tmexxi l-prosekuzzjoni u dan peress li huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tara li persuna twiegeb ghall-eghmil taghha quddiem il-Qrati u fejn l-istess persuna tiddefendi ruhha mill-akkuzi migjuba kontra taghha. Illi ghalhekk il-partecipazzjoni tal-*parte civile,* li jahseb ghaliha l-Kodici Kriminali zzomm il-bilanc mehtieg bejn id-drittijiet kollha tal-persuni involuti;

Illi l-esponent jecepixxi illi r-rikorrenti ma tistax tuza kawza kostituzzjonali bhala forma ta` appell mid-digrieti u mid-decizjonijiet li jinghataw minn Qrati ordinarji. Huwa evidenti li r-rikorrenti intavolat din il-kawza kostituzzjonali ghaliex mhijiex kuntenta bil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati cahdet it-talba tar-rikorrenti tat-3 ta' Ottubru 2023 permezz ta' digriet tal-4 ta' Ottubru 2023. Kwindi, il-proceduri odjerni huma forma ta' abbuz tal-proceduri gudizzjarji;

Illi fi kwalsiasi kaz l-esponent jirrileva illi t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandom jiġu respinti;
Illi fil-mertu, in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jibda biex jissottometti li s-sub-artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdu li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi. L-artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta jmur oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi.

Illi jezistu salvagwardji bizzejjed fid-dritt procedurali nostrali sabiex jovvjaw ghal kull periklu ta' intralc ta' smigh xieraq, liema salvagwardji jiggarantixxu process xieraq u smigh gust.

Illi l-kwezit jekk parti inghatax smigh xieraq jigi gudikat fl-ahhar. Ir-rikorrent tilmenta minn proceduri kriminali fejn hija *parte civile* liema proceduri m'humiex *res judicata* u b'hekk l-ilment taghha jaf jkun wiehed intempestiv jekk il-prosekuzzjoni kontra l-akkuzat tirnexxi;

Illi l-esponent jecepixxi illi ghalkemm l-artikolu 410 tal-Kap. 9 jistipula illi l-*parte civile* tista' tipproduci xhud in ezami ma jfissirx illi l-Qorti li qieghda tisma' l-kaz ma tistax tiddeciedi jekk tali xhieda hijiex bzonnjuza o meno fic-cirkostanzi. It-talba ta' parti illi tharrek xhud ghal ezami tieghu hija dejjem prova soggetta ghal kontroll tar-rilevanza u htiega tal-Qorti sedenti. Il-fatt illi l-parti tista' taghmel tali talba ma jfissirx illi ghandha jedd sagrosant illi tali talba tintlaqa'. F'dan is-sens ukoll, il-mizura li tista' tadotta Qorti ordinarja sabiex il-proceduri sommarji jitmexxew b'heffa ghandha titqies bhala proporzjonali ghaliex ikun inutli illi seduta tittawwal meta x-xhud ikun diga' xehed u l-fatti jkunu diga' stabbiliti;

Illi l-esponent jirrileva illi hija l-prosekuzzjoni illi ghandha d-dmir illi tipprova l-kaz kontra l-akkuzat u r-responsabilita' finalment taqa' f'idejn il-prosekuzzjoni. Kwindi, ghalkemm il-parte civile tista' tassisti lill-prosekuzzjoni, m'huwiex mifhum kif fil-fatti specie tal-kaz odjern tali xhieda kienet ser tkun ta' benefiċċju addizzjonali ghax-xhieda diġà moghtija fuq eżami tal-prosekuzzjoni jew kif in-nuqqas illi l-*parte civile* taghmel eżami kien ser isarraf f'xi żvantaġġ lejn il-parte ċivile;
Illi l-esponent jecepixxi illi l-applikazzjoni o meno tal-artikolu 578 tal-Kap. 12 fil-kaz odjern ma tqumx ghaliex tal-anqas mill-inkartament anness mar-rikors promotur ma jidhirx illi c-cahda tal-Qorti tal-Magistrati hija bbazata fuq dak l-artikolu. Ghaldaqstant jinghad illi f'dan l-istadju l-ilment tar-rikorrenti bbazat fuq dak l-artikolu huwa wiehed superfiċjali;
Salv Eccezzjonijiet ulterjuri;

6. Rat ukoll li fl-udjenzi tal-1 ta' Diċembru 2023 u tal-14 ta' Diċembru 2023, ordnat li qabel xejn jiġu trattati u deċiżi r-raba' eċċezzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali kif ukoll l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-imsejjaħ fil-kawża Avukat tal-Istat;

7. Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti waqt l-udjenza tal-14 ta' Diċembru 2023;

8. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet;

Ikkunsidrat:

9. Illi din is-sentenza hija limitata għad-determinazzjoni tar-raba' eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali, li tgħid hekk:

> Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq imqanqla mill-parte civile, l-esponenti jissottometti illi dan jrid jigi ezaminat mill-ottika ta' x'*locus standi* ghandha *parte civile* li tallega ksur tad-dritt ta' smigh xieraq u fejn l-akkuzi kriminali jkunu diretti in konfront ta' terz. Ghandha *locus standi parte civile* li tiftah kawza kostituzzjonali dwar id-dritt ghal smiegh xieraq? Illi l-kwistjoni ta' jekk parti civili tistax tqajjem ilment ta' ksur ta' smigh xieraq, minhabba l-mod kif tmexxa process kriminali giet ezaminata diversi drabi kemm mill-organi gudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll minn dina l-Onorabbli Qorti. Illi kemm il-Qorti Ewropea u kemm dik nostrana stabbillew illi l-jedd ghal smigh xieraq jista' biss jigi mqanqal minn parti privata f'kuntest ta' proceduri kriminali mehuda kontra haddiehor, jekk dik il-parti civili turi li f'dawk il-proceduri kriminali hija ghandha jedd bil-ligi illi titlob li tigi mhallsa kumpens ghall-hsara li tkun garrbet bhala rizultat ta' xi ghemil kriminali mwettaq mill-akkuzat u kif ukoll li dawk il-proceduri kriminali huma determinanti biex hija tkun tista' tigbor dak il-kumpens. Illi wiehed ma jridx jinjora l-fatt li skont l-ordinament guridiku Malti azzjoni civili u dik kriminali huma distinti u separati li jfisser ukoll li sabiex parti f'kawza civili jkollha success ma tiddependix fuq l-ezitu tal-azzjoni kriminali u fejn fiz-zewg tipi ta' azzjonijiet l-oneru tal-prova huwa ferm differenti fejn wiehed jista' jkollu success f'kawza civili, minkejja li fl-azzjoni kriminali ma jkollux success minhabba l-oneru ferm aktar rigoruz li huwa rikjest. Illi tenut kont tas-sistema partikolari applikabbli f'Malta u fuq l-iskorta tal-insenjament tad-decizjonijiet moghtija kemm minn dina l-Onorabbli Qorti kif ukoll mill-Qorti Ewropeja, fil-fehma tal-esponenti, r-rikorrenti bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma tista tinvoka ksur tad-dritt ta' smigh ta' smigh xieraq meta lanqas ghandha *locus standi* biex taghmel dan.

u tal-ewwel u tat-tieni eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat, li jgħidu hekk:

Illi l-esponent jecepixxi l-inapplikabilita' tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta *stante* illi fil-proceduri kriminali ***Il-Pulizija vs Sahin Turkdogan et*** li qieghdin jinstemghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali m'hijiex qieghda tiġi deċiża xi akkuża kriminali fil-konfront tar-rikorrenti jew obbligu ċivili tar-rikorrenti bhala *parte civile* f'dawk il-proceduri;[2]

Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq imqanqla mill-parte civile, l-esponent jecepixxi illi dan jrid jigi ezaminat mill-ottika ta' x'*locus standi* ghandha *parte civile* li tallega ksur tad-dritt ta' smigh xieraq u fejn l-akkuzi kriminali jkunu diretti in konfront ta' terz. Illi l-kwistjoni ta' jekk parti civili tistax tqajjem ilment ta' ksur ta' smigh xieraq, minhabba l-mod kif tmexxa process kriminali giet ezaminata diversi drabi kemm mill-organi gudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll minn dina l-Onorabbli Qorti. Illi kemm il-Qorti Ewropea u kemm dik nostrana stabbillew illi l-jedd ghal smigh xieraq jista' biss jigi mqanqal minn parti privata f'kuntest ta' proceduri kriminali mehuda kontra haddiehor, jekk dik il-parti civili turi li f'dawk il-proceduri kriminali hija ghandha jedd bil-ligi illi titlob li tigi mhallsa kumpens ghall-hsara li tkun garrbet bhala rizultat ta' xi ghemil kriminali mwettaq mill-akkuzat u kif ukoll li dawk il-proceduri kriminali huma determinanti biex hija tkun tista' tigbor dak il-kumpens. Illi wiehed ma jridx jinjora l-fatt li skont l-ordinament guridiku Malti, azzjoni civili u dik kriminali huma distinti u separati li jfisser ukoll li sabiex parti f'kawza civili jkollha success ma tiddependix fuq l-ezitu tal-azzjoni kriminali u fejn fiz-zewg tipi ta' azzjonijiet l-oneru tal-prova huwa ferm differenti fejn wiehed jista' jkollu success f'kawza civili, minkejja li fl-azzjoni kriminali ma jkollux success minhabba l-oneru ferm aktar rigoruz li huwa rikjest. Illi tenut kont tas-sistema partikolari applikabbli f'Malta u fuq l-iskorta tal-insenjament tad-decizjonijiet moghtija kemm minn dina l-Onorabbli Qorti kif ukoll mill-Qorti Ewropeja, fil-fehma tal-esponent, ir-rikorrenti bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma tista' tinvoka ksur tad-dritt ta' smigh ta' smigh xieraq meta lanqas ghandha *locus standi* biex taghmel dan;

L-esponent jissottometti li jekk wiehed jezamina l-Artikolu 410 tal-Kodici Kriminali jirrizulta li dan l-artikolu procedurali penali jaqa' taht it-titolu li jirregola l-procedura

[2] Vide s-Sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Jason Genovese v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** deciza fit-12 ta' Frar 2016

> li ghandha tigi adoperata u mharsa mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif ukoll mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja. Illi wiehed ma jridx jinsa illi hija l-Prosekuzzjoni ghan-nom tal-Istat li tkun qieghda tmexxi l-prosekuzzjoni u dan peress li huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tara li persuna twiegeb ghall-eghmil taghha quddiem il-Qrati u fejn l-istess persuna tiddefendi ruhha mill-akkuzi migjuba kontra taghha. Illi ghalhekk il-partecipazzjoni tal-*parte civile,* li jahseb ghaliha l-Kodici Kriminali zzomm il-bilanc mehtieg bejn id-drittijiet kollha tal-persuni involuti;

10. Illi fil-qosor, il-każ imressaq mir-rikorrenti huwa dan. Ir-rikorrenti hija ammessa bħala *parte civile* fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Samil Kartal Turkdogan u Sahin Turkdogan", pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Waqt is-smigħ tat-28 ta' Settembru 2023, waqt li kien prodott biex jixhed Michele Siciliano, saru domandi lix-xhud mid-difensur tal-*parte civile* li kienu jagħtu d-data li dwarha kellu jixhed, u għal din ir-raġuni l-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali qieset li m'għandhiex tisma' lil dan ix-xhud[3]. Ir-rikorrenti, peress li dehrilha li dan kien xhud importanti, talbet lil dik il-qorti biex tqis mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha, iżda dik it-talba ġiet miċħuda b'dikriet tal-4 t'Ottubru 2023[4]. Dan kollu, tgħid ir-rikorrenti, jivvjola d-dritt tagħha għal smigħ xieraq kif tutelat mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

11. Illi l-intimat Avukat Ġenerali u l-imsejjaħ fil-kawża l-Avukat tal-Istat jeċċepixxu n-nuqqas ta' *locus standi* tar-rikorrenti f'din il-kawża, billi jsostnu li hija m'għandhiex stat ta' vittma li jilleġittima l-azzjoni tagħha taħt id-dispożizzjonijiet kostituzzjonali u konvenzjonali invokati minnha. Huma jgħidu li l-proċeduri li dwarhom nibtet din il-kawża ma jinvolvux deċiżjoni dwar id-drittijiet ċivili tar-rikorrenti u lanqas m'hu se tiġi deċiża akkuża kriminali fil-konfront tagħha. Jgħidu li għalhekk, ir-rikorrenti ma tistax tinvoka l-artikolu 6 u l-artikolu 39, fuq imsemmija, b'rabta mal-proċeduri penali li hija tinsab ammessa bħala *parte civile* fihom.

12. Huwa minnu li kemm l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kemm l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jgħidu li d-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq li huma jittutelaw japplika

---

[3] Ara folio 5.
[4] Ara folio 10.

fir-rigward ta' proċeduri tax-xorta msemmija mill-intimat Avukat Ġenerali u mill-imsejjaħ fil-kawża l-Avukat tal-Istat. Fil-fatt, l-artikolu 39, fil-partijiet rilevanti tiegħu u ċjoè fl-ewwel żewġ subinċiżi tiegħu, jgħid:

> (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.
>
> (2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.

L-artikolu 6(1) jgħid:

> Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi…

13. Illi m'għandux ikun oġġett ta' wisq kontroverżja li r-rikorrenti ma tistax torbot il-każ tagħha mal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, u lanqas ma' dik il-fergħa tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni li tirreferi għad-deċiżjoni ta' xi akkuża kriminali, billi huwa paċifiku li fil-proċeduri li dwarhom qed tilmenta r-rikorrenti, m'hija se tiġi determinata ebda akkuża kriminali kontra r-rikorrenti stess.

14. Illi jifdal però li jiġi eżaminat jekk dawn il-proċeduri hux se jinvolvu xi deċiżjoni jew determinazzjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili tar-rikorrenti. L-awturi ***van Dijk & van Hoof***[5] josservaw:

> Although for the determination of whether a right or obligation is at stake the domestic legal system concerned has to be taken as a starting point, the Strasbourg case-law has made it clear that, as part of a provision of the Convention, the words 'rights and obligations' have an

[5] Theory and Practice of the European Convention on Human Rights, 3rd Edition, pġa.394.

autonomous meaning. Thus, the Commission held in the *Kaplan* Case:

> These concepts [rights and obligations] are in themselves autonomous to some degree. Thus it is not decisive that a given privilege or interest which exists in a domestic legal system is not classified or described as a 'right' by that system. However in deciding whether it is a 'right' for the purpose of Article 6(1), account must be taken of its 'substantive content and effects', the object and purpose of the Convention and the national legal systems of other Contracting States.

If, according to this line of interpretation, a certain claim is considered to be a 'right', the Court's case-law requires for the applicability of Article 6 that this right 'can be said, at least on arguable grounds, to be recognised under domestic law'.

15. Hekk ukoll ingħad suċċintament li «*By 'rights and obligations' in Article 6 are meant 'rights and obligations' 'which can be said, at least on arguable grounds, to be recognised under domestic law'. The requirement is only that the applicant have a 'tenable' argument, not that he will necessarily win. If the applicant has no arguable right under national law, Article 6 does not apply*»[6].

16. M'huwiex il-każ, però, li sabiex proċeduri ġudizzjarji jitqiesu li jkunu jinvolvu deċiżjoni dwar drittijiet u obbligi ċivili huma meħtieġa li bilfors ikunu proċeduri ċivili. Kemm hu veru, l-istess awturi appena ċitati jissoktaw jiktbu: «*Civil rights and obligations may be determined in criminal proceedings. This is so, for example, where a criminal prosecution is the remedy provided in national law for the enforcement of a civil right, as, for example, in some legal systems in connection with the right to a reputation. Article 6 also applies when a legal system allows the victim of a crime to be joined as a civil party in criminal proceedings against the offender in order to obtain damages or otherwise protect his or her civil rights; however, it does not apply in such*

[6] ***Harris, O'Boyle & Warbrick***, Law on the European Convention on Human Rights, 2nd Edition, paġna 223.

*cases where the victim's purpose in being joined is to punish the offender or to intervene on an actio popularis basis, not to obtain a personal civil remedy»*[7].

17. Fil-każ ***Perez vs. France***[8], il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem osservat kif ġej:

> 57. The Court notes that, although it has found the concept of "civil rights and obligations" to be autonomous, it has also held that, in this context, the legislation of the State concerned is not without importance (see *König v. Germany*, judgment of 28 June 1978, Series A no. 27, p. 30, § 89). Whether or not a right is to be regarded as civil within the meaning of that term in the Convention must be determined by reference not only to its legal classification but also to its substantive content and effects under the domestic law of the State concerned. Moreover, the Court, in the exercise of its supervisory function, must also take account of the object and purpose of the Convention.
>
> …
>
> 60. French law thus gives the victim of an offence the option of choosing between civil and criminal proceedings. **Under the civil option, the fact that the damage is caused by a criminal offence means that civil procedure is only applied subject to certain rules: the irrevocability of the choice (Article 5 of the Code of Criminal Procedure – see paragraph 19 above); the principle whereby "civil proceedings must await the outcome of criminal proceedings" (see paragraph 24 above); and the principle that "a final criminal judgment prevails over a civil claim" (see paragraph 25 above)**[9].
>
> 61. The criminal option, with which the Court is concerned here, is exercised by way of a civil-party complaint, which is subject to certain conditions and produces certain consequences (see paragraphs 19 et seq. above). Civil-party proceedings are brought either "by intervention", after the prosecution has already started, by means of an application to the investigating judge or the trial court for leave to join the proceedings, or "by instigation", in other words by means of a civil-party complaint or a direct summons before the trial court. Although a civil-party victim faces certain constraints in as much as he can no longer testify and is exposed to sanctions for failure or abuse, he enjoys the

[7] Ibidem, paġna 228.
[8] Mogħtija fit-12 ta' Frar, 2004 (App. Nru. 47287/99).
[9] Enfażi in calce ta' din il-qorti.

benefit of being a party to the criminal trial, is kept informed of the steps in the proceedings, may file requests for documents and lodge appeals and, above all, may obtain compensation from the criminal courts for the damage he has suffered.

62. In view of the foregoing, there can be no doubt that civil-party proceedings constitute, in French law, a civil action for reparation of damage caused by an offence. In these circumstances, the Court therefore sees no reason, *a priori*, to consider it otherwise for the purposes of applying Article 6 § 1 of the Convention.

…

65. In any event, it is conceivable that Article 6 may be applicable even in the absence of a claim for financial reparation: it suffices if the outcome of the proceedings is decisive for the "civil right" in question (ibid. pp. 16-17, § 66; see also *Helmers v. Sweden*, judgment of 29 October 1991, Series A no. 212-A, p. 14, § 29).

66. In the light of the foregoing, there is no doubt that in French law proceedings whereby someone claims to be the victim of an offence are decisive for his "civil rights" from the moment he is joined as a civil party. In fact, Article 6 is applicable to proceedings involving civil-party complaints even during the preliminary investigation stage taken on its own (see *Tomasi, Acquaviva* and *Maini*, cited above; and *Zuili v. France* (dec.), no. 46820/99, 21 May 2002), and even, where appropriate, if there are pending or potential proceedings in the civil courts. On this last point, the Court considers that it would be artificial to hold that the outcome of proceedings brought in the criminal courts by the victim of an offence ceases to be decisive merely because of the existence of pending or potential civil proceedings, **being compelled to note as a matter of fact that in French law criminal proceedings prevail over civil proceedings both in terms of the means available to establish the facts and gather evidence and in terms of the principle whereby "civil proceedings must await the outcome of criminal proceedings" and, for that matter, that whereby "a final criminal judgment prevails over a civil claim"**[10].

67. The Court further notes that, even where criminal proceedings are determinative only of a criminal charge, the decisive factor for the applicability of Article 6 § 1 is whether, from the moment when the applicant is joined as a

[10] Enfażi in calce ta' din il-qorti.

> civil party until the conclusion of those criminal proceedings, the civil component remains closely connected with the criminal component (see *Calvelli and Ciglio v. Italy* [GC], no. 32967/96, § 62, ECHR 2002-I), **in other words whether the criminal proceedings affect the civil component**[11]. *A fortiori*, Article 6 must apply to proceedings relating both to the criminal charge and to the civil component of the case.
>
> …
>
> 70. The Court considers that in such cases the applicability of Article 6 has reached its limits. It notes that the Convention does not confer any right, as demanded by the applicant, to "private revenge" or to an *actio popularis*. **Thus, the right to have third parties prosecuted or sentenced for a criminal offence cannot be asserted independently: it must be indissociable from the victim's exercise of a right to bring civil proceedings in domestic law, even if only to secure symbolic reparation or to protect a civil right such as the right to a "good reputation"**[12] (see *Golder v. the United Kingdom*, judgment of 21 February 1975, Series A no. 18, p. 13, § 27; *Helmers*, cited above, p. 14, § 27; and *Tolstoy Miloslavsky v. the United Kingdom*, judgment of 13 July 1995, Series A no. 316-B, p. 78, § 58). In any event, the waiver of such a right must be established, where appropriate, in an unequivocal manner (see, *mutatis mutandis, Colozza and Rubinat v. Italy*, judgment of 12 February 1985, Series A no. 89, pp. 14-15, § 28, and *Meftah and Others v. France* [GC], nos. 32911/96, 35237/97 and 34595/97, § 46, ECHR 2002-VII).

18. Illi f'din id-deċiżjoni, jidher li l-Qorti Ewropea waslet għall-konklużjoni li kien hemm lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 6 għall-proċeduri penali fejn il-*parte civile* tiġi ammessa partikolarment tenut kont tal-fatt li fil-liġi domestika li kienet qed teżamina, u ċjoè l-liġi Franċiża, il-proċeduri penali jipprevalu fuq dawk ċivili, u għalhekk jitqiesu deċiżivi fir-rigward tad-dritt ċivili tal-vittma li tikseb kumpens għad-delitt imwettaq kontriha (ara partikolarment il-paragrafu numru 66 tas-sentenza fuq ċitata, u dawk il-partijiet murija in calce jew sottolineati). Dan l-element ta' prevalenza tal-proċeduri penali kien meqjus għalhekk bħala "deċiżiv" fil-konfront tad-drittijiet ċivili tal-vittma, għaliex jistgħu iwasslu għall-estinzjoni tad-dritt tal-vittma għar-riżarċiment tad-dannu

[11] Enfażi in calce u sottolinear ta' din il-qorti.
[12] Enfażi in calce u sottolinear ta' din il-qorti.

subit. Min-naħa l-oħra, fil-każ ***Garimpo vs. Portugal***[13]*,* ġie mbagħad deċiż li fejn il-*parte civile* tressaq proċeduri ċivili li, skont il-liġi domestika, jagħlqu l-bieb għall-għoti ta' kumpens permezz tal-azzjoni penali, l-artikolu 6 ma jibqax japplika għall-proċeduri penali billi jitqies li dik l-applikabilità tkun ġiet rinunzjata mill-*parte civile*.

19. Ġie wkoll miżmum kostantement fid-deċiżjonijiet fuq imsemmija li hu ċert li l-artikolu 6 ma jsib ebda applikazzjoni fejn l-iskop tal-proċeduri penali jkun li l-akkużat jinstab ħati u jingħata l-piena.

20. Illi lokalment din il-kwistjoni ġiet eżaminata numru ta' drabi. Fid-deċiżjoni ***Francis Xavier sive Frank Mifsud vs. Avukat Ġenerali*** (Qorti Kostituzzjonali, 2/11/2001) ġie miżmum:

> Il-Qorti kellha issa tapplika dan l-insenjament fl-isfond ta' l-orjentament ġuridiku malti li jirregola kawżi ta' diffamazzjoni, kemm fl-isfera ċivili kif ukoll fl-isfera kriminali. Dan għaliex jekk jirriżulta li kien essenzjali għad-determinazzjoni tad-dritt ċivili ta' l-appellant l-proċess kriminali provokat minn diskors diffamatorju, allura kien japplika l-insenjament appena ċitat. Jekk, għall-kuntrarju, dan ma kienx il-każ, u allura jirriżulta illi l-appellant kellu rimedju ieħor quddiem il-qrati ċivili, indipendenti mill-proċess kriminali li kien jassiguralu l-protezzjoni ta' tali dritt, allura din il-Qorti diffiċilment setgħet taċċetta s-sottomissjoni li kien ikun applikabbli s-subinċiż 1 ta' l-art. 6 ta' l-ewwel skeda tal-Kap 319 u ta' l-art. 39 tal-Kostituzzjoni.

21. Fil-każ appena ċitat, il-qorti qieset li l-azzjoni kriminali dwar malafama bil-fomm kienet determinanti għad-dritt ċivili tal-vittma li jiddefendi r-reputazzjoni tiegħu, billi l-uniku rimedju ċivili miftuħ għalih kien biss dak għall-ħlas tal-ħsara kemm-il darba seta' juri li l-malafama verbali kkaġunatlu dannu riżarċibbli, li kien diffiċli ħafna biex jintwera. Fil-fatt dik il-qorti kompliet tqis hekk:

> Mill-banda l-oħra però, dan żgur ma kienx il-każ fejn il-malafama tkun saret biss bil-kliem u fejn allura l-unika azzjoni li biha il-malafamat seta', fl-ewwel lok, jiddefendi l-unur tiegħu, kienet tramite l-azzjoni kriminali fit-termini

[13] Deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-10 ta' Ġunju 2004.

> ta' l-artikolu 252 tal-Kap 9. Infatti kien biss f'dawn il-proċeduri li l-malafamat bil-kliem seta' jottjeni dikjarazzjoni ġudizzjarja illi l-unur tiegħu, li għalih kellu jedd fondamentali, kien ġie mżeblah. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalkemm hu rikonoxxut il-prinċipju li "kull rejat inissel azzjoni kriminali u azzjoni civili" (Art. 3(1) tal-Kap 9) u li "l-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali u biha tintalab piena kontra l-ħati" (subinċiż 2) waqt li "l-azzjoni ċivili titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili u biha jintalab il-ħlas tal-ħsara li ssir bir-rejat" (subinċiż 3), il-malafamat ma setgħax ċivilment jipproċedi biex jiddefendi l-unur tiegħu jekk ma jkunx f'posizzjoni li jipprova li hu kien sofra bħala konsegwenza tal-malafama bil-kliem danni attwali u reali.
>
> Dan iwassal għall-konkluzzjoni illi f'din ix-xorta ta' kawżi l-proċess kriminali kien, jew almenu seta' jkun, determinanti biex il-malafamat ikun jista' jiddefendi l-unur u r-reputazzjoni tiegħu. Meta jokkorru sitwazzjonijiet u ċirkostanzi bħal dawn l-individwu kellu kull dritt illi jeżiġi l-protezzjoni ta' l-art. 6 tal-Konvenzjoni u ta' l-art. 39 tal-Kostituzzjoni għal smiegħ xieraq fil-proċess kriminali, anki jekk intrometta ruħu biss bħala parti ċivili, daqslikieku kien parti f'kawża ċivili minnu promossa biex jiddefendi d-dritt ċivili tiegħu għall-unur u reputazzjoni tajba.

22. Din id-deċiżjoni għalhekk tirrifletti l-ġurisprudenza Ewropea fuq ċitata, u ċjoè dik li ttenni li l-artikolu 6 jkun applikabbli fi proċeduri penali fir-rigward tal-*parte civile* fejn dawk il-proċeduri penali jkunu jikkostitwixxu r-rimedju effettiv għall-vjolazzjoni tad-dritt ċivili tal-vittma. Fejn, min-naħa l-oħra, l-vittma tkun munita bi dritt t'azzjoni ieħor, senjatament konsistenti minn azzjoni ċivili, li tista' tagħtiha rimedju effettiv u li ma tiddependiex mill-azzjoni penali għall-effikaċità tagħha, mela allura l-artikolu 6 ma jitqiesx li huwa applikabbli għaliex l-azzjoni penali ma titqiesx deċiżiva fil-konfront tad-dritt ċivili tal-vittma.

23. Illi l-Qorti Kostituzzjonali għaddiet biex tqis din il-kwistjoni mill-ġdid fid-deċiżjoni ***Jason Genovese vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (12/2/2016), u din id-darba qieset ukoll l-effetti tal-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali fuq dan is-suġġett, liema dispożizzjoni rendiet applikabbli l-artikolu 24[14] tal-Att dwar il-Probation għal kull sentenza li biha persuna tinstab ħatja ta' delitt. Dik il-Qorti qieset kif ġej:

---

[14] 24.(1) Meta Qorti tagħmel ordni ta' probation, ordni ta'servizz fil-komunità, ordni ta' probation u servizz, ordni għal-liberazzjoni kondizzjonata jew meta tillibera lil xi ħati għalkollox tista', mingħajr preġudizzju għall-

> 34. Ir-rikorrent jissokta jgħid illi ġia` ladarba, permezz tal-Artikolu 532A tal-Kap 9, huwa għandu dritt *ex lege* illi jikseb kumpens finanzjarju għad-danni sofferti minnu permezz tal-proċeduri kriminali, l-istess proċeduri huma determinanti ta' dritt ċivili tiegħu u għalhekk l-istat għandu l-obbligu li jassigura u jipproteġi d-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Iżda din il-Qorti ma tqisx illi l-Artikolu 532A ġab il-fużjoni ta' l-azzjoni kriminali u dik ċivili naxxenti minn reat.
>
> 35. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti irriteniet illi ma hijiex konvinta li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 532A, ikun hemm *joinder of the civil and criminal actions*. L-istess tirritjeni din il-Qorti. L-iskop ewlieni ta' proċeduri kriminali jibqa` s-sejba ta' ħtija tal-imputat oltre kull dubju raġjonevoli u l-konsegwenti attribuzzjoni tal-piena f'kaz affermattiv. Il-kelma 'tista' turi illi tali miżura mhijiex obbligatorja iżda diskrezzjonali għall-Qorti. Inoltre, l-Artikolu lanqas ma jipprekludi lill-parti leża milli tipproċedi bi proċeduri ċivili sabiex tiżgura l-jedd ċivili tagħha fil-konfront tal-imputati. Lanqas ma jiġri, bħal f'ġurisdizzjonijiet oħra, illi l-azzjoni ċivili tiġi sospiża sabiex u sakemm tiġi determinata l-kawża kriminali, tant, illi kif ġia` ġie osservat, il-kawża ċivili tista` tirnexxi minkejja l-ħelsien tal-akkużat fil-proċeduri kriminali.

24. Illi l-kwistjoni ġiet meqjusa wkoll fid-deċiżjoni ***Sharon Farrugia vs. L-Avukat tal-Istat et*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 16/6/2022), fejn din il-qorti, kif diversament presjeduta, kkonkludiet li *parte civile* għandha dritt ta' smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 sa fejn jirrigwarda d-deċiżjoni dwar jekk akkużat jingħatax il-ħelsien mill-arrest, partikolarment meta l-mertu tal-kawża kriminali jkun jirrigwarda l-istabbilità tal-ħajja privata tal-vittma li huwa dritt ċivili tagħha. Għalkemm minn din is-sentenza ġie nterpost appell, ma sar ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza li sabet applikabbli l-artikolu 6 għall-*parte civile* fil-proċedura kriminali in kwistjoni ; fatt li dwaru kkummentat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha[15].

25. Meqjus dan kollu, din il-qorti hija tal-fehma li l-pożizzjoni prevalenti li tirriżulta mill-ġurisprudenza fuq imsemmija huwa li ma teżisti ebda regola li teskludi *a priori* l-

poter li għandha dwar l-ispejjeż taħt l-artikoli 380 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati jħallas dawk id-danni għal xi feriment jew b'kumpens għal xi telfien hekk kif il-qorti jkun jidhrilha li jkun l-aktar raġonevoli.

[15] Ara paragrafu ħmistax tas-sentenza tat-tieni istanza, mogħtija fil-25 t'Ottubru 2023.

applikabbilità tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni għall-każ ta' *parte civile* fi proċeduri penali. Iżda sabiex *parte civile* tkun tista' tinvoka d-dritt fondamentali ta' smigħ xieraq b'suċċess trid turi li f'dawk il-proċeduri penali, se tittieħed deċiżjoni dwar id-drittijiet jew l-obbligi ċivili tagħha. Dan ikun il-każ fejn il-proċeduri penali jistgħu iwasslu għal rimedju għal dawk id-drittijiet ċivili – rimedju li mhux neċessarjament ikun pekunjarju, kif inhu l-każ fejn il-proċeduri penali jkunu strumentali sabiex persuna tiddefendi r-reputazzjoni tagħha. Xi forma ta' rimedju però jrid ikun hemm, għaliex ġie affermat li l-artikolu 6 (u bħalu l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni) ma jsibx applikazzjoni fejn il-funzjoni tal-azzjoni penali tkun prettament punittiva. Ġie wkoll meqjus li l-applikazzjoni tal-artikoli msemmija favur il-*parte civile* fi proċeduri penali tiddependi wkoll mill-karattru determinanti ta' dawk il-proċeduri fuq l-istess drittijiet ċivili. Fil-każ ***Perez***, ingħata piż lejn il-fatt li taħt il-liġi Franċiża, teżisti prevalenza u anki element ta' dipendenza favur il-proċeduri penali fuq dawk ċivili. Min-naħa l-oħra, fil-każ ***Garimpo***, ġie deċiż li fejn il-vittma tintraprendi proċeduri ċivili li bihom ġie eskluż il-possibilità ta' kumpens permezz tal-azzjoni kriminali, mela l-artikolu 6 ma jitqiesx aktar applikabbli.

26. Illi fil-każ li għandha quddiemha l-qorti llum, ma ġie eżebit xejn mill-atti tal-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, b'mod li l-qorti m'għandhiex viżjoni tal-akkużi li bihom ġew mixlija l-akkużati fil-proċeduri in kwistjoni. Ingħad però waqt it-trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet mid-difensur tar-rikorrenti li l-akkuża hija dik ta' ġrieħi ħfief. Din il-qorti ma jidhriliex li l-azzjoni penali in kwistjoni tissodisfa l-elementi neċessarji sabiex irendu l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni applikabbli. Taħt il-liġi tagħna, partikolarment bis-saħħa tal-artikolu 3 u 4 tal-Kodiċi Kriminali, teżisti l-awtonomija kompleta bejn l-azzjonijiet ċivili u kriminali, b'mod li waħda ma tiddependiex mill-oħra, u kull persuna tista' tagħżel li tmexxi bl-azzjoni ċivili mingħajr ebda xkiel li jkun ġej mill-fatt li tkun ittieħdet azzjoni penali fuq l-istess ċirkostanzi.

27. Illi huwa minnu li l-azzjoni kriminali tista' twassal sabiex vittma tingħata kumpens għad-delitt imwettaq fuqha jew fuq ħwejjiġha. Madanakollu dan l-aspett tal-azzjoni kriminali ma jnaqqas xejn mill-awtonomija tal-azzjoni ċivili, tant li jekk għal xi raġuni li tkun, il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ma tagħtix kumpens lill-vittma, il-vittma tibqa' dejjem ħielsa li tfittex dak il-kumpens bl-azzjoni ċivili, fejn ikollha kull jedd li

tipproduċi provi u tiddeduċi t-talbiet tagħha irrispettivament mill-pożizzjoni meħuda mill-Istat fl-azzjoni penali. Dan il-fattur, u ċjoè li l-vittma tibqa' kompletament ħielsa li tfittex l-azzjoni ċivili meta trid (salv, naturalment, l-osservanza tat-termini ċivili tal-preskrizzjoni fejn ikunu applikabbli), ifisser biss li l-azzjoni penali diffiċilment tista' tkun determinanti tar-rimedju ċivili tal-vittma – karatteristika din li skont il-ġurisprudenza fuq ċitata hija neċessarja sabiex il-*parte civile* tista' tinvoka l-artikolu 6 u anki l-artikolu 39 f'azzjoni penali.

28. Illi fil-każ odjern, ir-rikorrenti ma ġabitx raġunijiet sabiex turi għaliex l-azzjoni kriminali li fiha ġiet ammessa bħala *parte civile* se tiddetermina d-drittijiet ċivili tagħha u lanqas liema huma d-drittijiet ċivili tagħha li se jiġu affettwati f'dawk il-proċeduri, u għaliex l-azzjoni penali hija tant indispensabbli għall-preservazzjoni ta' dawk id-drittijiet. Lanqas ma ġie sottomess, u wisq inqas ippruvat, li l-azzjoni kriminali *de quo dicimus* tista' potenzjalment takkorda xi rimedju partikolari lir-rikorrenti. Fuq l-istat tal-atti li għandha quddiemha l-qorti llum, jista' biss jirriżultalha li l-iskop tal-proċeduri kriminali in kwistjoni huwa s-sejbien tal-ħtija tal-akkużati u l-konsegwenzjali mpożizzjoni tal-piena idonja. Dan jeskludi, fuq l-istregwa tal-prinċipji u tal-awtoritajiet fuq ċitati, d-dritt tal-*parte civile* li tinvoka d-dritt ta' smigħ xieraq kif premess.

29. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi wara li tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali kif ukoll l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-imsejjaħ fil-kawża Avukat tal-Istat, tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur